# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Gunju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 34/2002G1(PC)

Martino sive Martin Camilleri .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :

Illi huwa twieled fin-Nadur, Ghawdex fis-sitta (6) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u ghoxrin (1929) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv hames mija u wiehed u sebghin tas-sena elf disa' mija disgha u ghoxrin (571/1929) (Dok. 'A') ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur gie imnizzel bhala 'Martino' u dan nonostante illi l-genituri tieghu riedu li isem l-attur ikun 'Martin';

Illi di piu' l-attur dejjem kien maghruf ossia msejjah bl-isem ta' 'Martin' u anke fil-passaport Amerikan tieghu huwa identifikat bl-isem ta' 'Martin' mentri fil-fatt fic-certifikat tat-twelid tnizzel bl-isem ta' 'Martino'.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija u wiehed u sebghin tas-sena elf disa' mija disgha u ghoxrin (571/1929) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Martino' jigi sostitwit bl-isem 'Martin' .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur minnu kkonfermata bil-gurament .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, cioe' bhala dokument 'A', kopja tac-certifikat tat-twelid numru hames mija wiehed u sebghin tal-elf disa' mija disgha u ghoxrin (571/1929), u bhala dokument 'B', kopja tal-passaport Amerikan ta' l-attur .

Rat id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern .

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tad-direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha l-istess direttur eccepixxa :

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi .

2. Illi f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku kkonfermata bil-gurament ta' l-avukat Dottor Marlin Vella .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat ;

Illi minkejja illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attur hemm imnizzel li dan gie moghti l-isem ta' Martino, mill-istess xhieda ta' l-attur u mid-dokumenti minnu prodotti, jirrizulta ampjament illi dan kien dejjem maghruf bl-isem ta' Martin . Anke mill-istess passaport Amerikan ta' l-istess attur, jirrizulta illi dan huwa ndikat bl-isem ta' Martin .

Ghal dawn il-motivi, ghal hekk tiddecidi din il-kawza, u peress illi jirrizulta illi t-talba attrici hija gustifikata, billi tilqa' l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija u wiehed u sebghin tas-sena elf disa' mija disgha u ghoxrin (571/1929), billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Martino' ghandu jigi sostitwit bl-isem 'Martin' .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S3402G1(Pc)482